# 21. Il-Ħolma tan-Natura

Ommna n-Natura, bħal artista kbira,
toħlom qabel ma tagħmel l-opri tagħha;
fis-skiet u s-sbieħ tas-sajf qabel ix-xitwa,
erħilha toħlom,

Tinseġ ġol-ilma ċar tal-fantasija
fl-għejjun u fil-qaliet u fil-għadajjar
xbihat u ħlejjaq ġodda: sħab imdieheb,
u siġar twal,

U qwas miksija kollha kampanella,
kolonni twal u kannizzati mwarrda,
u ward tax-xemx jittawwal ġewwa l-ilma,
nagħaġ u għasafar,

U wiżż u papri u borok qalb il-qasab,
kollha jitħarrku u jimxu ġewwa l-ilma
bħal dawk ta' fuq wiċċ l-ilma, xbihat isbaħ
mid-dehriet veri.

U meta tiġi x-xitwa erħilha teqred
bir-rxiex, bis-silġ, bil-bard, bir-riħ u rwiefen
il-ħlejjaq qodma: weraq sfajra u morda,
u rix mitbiela,

U fir-rebbiegħa twettaq il-ħolm tagħha:
ħmiemel ta' ġiżi mfewħa, ħġejjeġ ħomor
ta' stella maris tul il-gallerija,
u ħrief bajdana,

U aħdar ċar ta' weraq ġdid li jħaddar
fil-ħdura skura tal-fergħat qadima,
xuxiet ta' qasab ġdid jittawwal fl-ilma,
miżegħda ġandar

fis-siġar taċ-ċipress, sturnelli suwed
fuq l-awrikarji, frieħ ta' wiżż u papri,
u ħolma ġdida fl-ilma tal-għadajjar
u tal-qaliet!